# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024

**Numru 6**

**Rikors Numru 194/21TA**

**Valentino Lanzon**
**vs**
**Roberta Bellizzi**
**Atlas Insurance Limited**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Valentino Lanzon (l-Attur) tat-3 ta' Marzu 2021

li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Valentino Lanzon jagħmel referenza għall-incident awtombilistiku illi sehh nhar il-wiehed u għoxrin (21) ta` Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) gewwa Triq il-Kostituzzjoni l-Mosta fejn ir-rikorrenti kien miexi bil-kwiet fit-triq u f`daqqa wahda Roberta Bellizzi illi kienet qiegħda ssuq il-vetura bin-numru ta` registrazzjoni KYV 777 tajritu bil-kosegwenza illi weggħetu gravament;

2. Illi konsegwenza ta` dan l-incident ir-rikorrenti Valentino Lanzon korra gravament u qiegħed isofri min debilita` funzjonali u permanenti fejn anke

l-Konsulent mediku tiegħu ccertifika illi r-rikorrenti qiegħed isofri minn **<u>dizabilita permanenti liema kopja tac-certifikat qiegħda tigi hawn esebita, annessa u mmarkata bhala Dok" A".</u>**

3. Illi għalhekk ir-rikorrenti garrab *lucrum cessans*, kagun tal-fatt li, bhala effett dirett ta` l-incident, sofra debilita permanenti, riskontrata u accertata;

4. Illi konsegwenza ta` dan l-incident, ir-rikorrenti Valentino Lanzon inkorra ukoll danni emergent (*damnum emergens*) li jinkludu spejjez, fosthom, izda mhux limitament għal, diversi konsulti ma` tobba, professuri u esperti medici, kif ukoll spejjez ta` medicinali, u tlef iehor kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza;

5. Illi minhabba l-griehi li garrab, ir-rikorrent Valentino Lanzon għadu jbati sal-gurnata tal-lum minn l-effetti tal-istess incident;

6. Illi **<u>l-konsegwenzi ta` dan l-incident u tali debilita` sehhet unikament b` tort u/jew negligenza tiegħek</u>** u minhabba imperizja, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta Roberta Bellizzi;

7. Illi jirrizulta illi l-konvenuta Roberta Bellizzi fil-mument tal-incident kienet assikurata mill-Atlas Insurance Limited;

8. Illi għalhekk għall-istess intervent u għal hlas tad-danni konsegwenzjali, huma solidament responsabbli l-konvenuti jew min minnhom;

9. Illi l-konvenuti għalkemm debitament interpellatti anke permezz ta` ittra ufficjali sabiex tersqu għall-likwidazzjoni u hlas ta` danni konsegwenza tal-imsemmi incident versu r-rikorrent, intom bqajtu inadempjenti u għalhekk kellhom jigu intavolati dawn il-proceduri;

**<u>Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha</u>**;

1. **TIDDIKJARA** illi r-rikorrenti Valentino Lanzon sofra debilita` permanenti u dan unikament b` tort, u jew negligenza u/jew imperizja, u traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta Roberta Bellizzi u minhabba incident awtomoblistiku illi sehh nhar il-wiehed u għoxrin (21) ta` Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) gewwa Triq il-Kostituzzjoni l-Mosta fejn ir-rikorrenti kien miexi bil-kwiet fit-triq u f` daqqa wahda Roberta Bellizzi illi kienet qiegħda ssuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni KYV 777 tajritu bil-konsegwenza illi weggħetu gravament;

2. **TIDDIKJARA** illi l-konvenuti huma responabbli għad-debilita` tar-rikorrenti Valentino Lanzon;

3. **TILLIKWIDA** d-danni hekk sofferti minn l-istess rikorrenti;

4. **TORDNA** lill-konventui sabiex solidament ihallsu lir-**RIKORRENTI** dik is-somma hekk likwidata,occorendo anke bin-nomina` ta` Periti;

Bl-ispejjez inkluz dawk ta` l-ittri ufficjali, u bl-imgħaxijiet;

L-intimati minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Roberta Bellizzi u Atlas Insurance PCC Limited (il-konvenuti) tat-8 ta' April 2021 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-talbiet rikorrenti huma għal kollox intempestivi billi, strettament mingħajr pregudizzju, huwa ntalab jikkwantifika l-pretensjonijiet tiegħu u dan permezz ta' *emails* mibgħuta lill-konsultent legali tal-istess rikorrent, l-Avukat Dottor Amadeus Cachia, datati 24 ta' Lulju 2017, 24 ta' Lulju 2018 kif ukoll 23 ta' Lulju 2019, liema korrispondenza baqgħet qatt ma twiegbet [kopja tal-imsemmija *emails* qiegħdin jigu hawn esebiti u markati komplessivament bhala **Dok. ATL1**].

2. Illi, mingħajr pregudizzju għall-premess u fil-mertu, fir-rigward tal-ewwel talba rikorrenti, l-esponenti Roberta Bellizzi tiddikjara illi hija qiegħda taccetta responsabbiltà għall-incident awtomobilistiku illi sehh fil-21 ta' Novembru 2015, fi Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta. Di fatti, l-istess esponenti Roberta Bellizzi rregistrat *claim* mas-socjetà assikurattiva tagħha, dik intimata Atlas Insurance PCC Limited, u ddelegat lill-istess sabiex titratta hi mat-terz dwar l-imsemmi incident.

3. Izda, dwar l-entità tad-danni pretizi mir-rikorrent, dawn huma kontestati. Għaldaqstant, jispetta lir-rikorrent il-prova skont il-ligi tad-danni minnu pretizi, kemm għal dak li jirrigwarda d-danni emergenti (*damnum emergens*) kif ukoll dawk id-danni lukranti (*lucrum cessans*).

4. Dwar dan tal-ahhar (ossija l-*lucrum cessans*), jigi rilevat illi, għalkemm fir-rikors promotur jingħad illi "*konsegwenza ta' dan l-incident ir-rikorrenti Valentino Lanzon korra gravament u qiegħed isofri minn debilità funzjonali u permanenti fejn anke l-konsultent mediku tiegħu ccertifika illi r-rikorrenti qiegħed isofri minn dizabilità permanenti liema kopja tac-certifikat qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A*" [*vide* paragrafu 2 tar-rikors mahluf], fil-fatt, tali certifikat ma giex esebit mir-rikorrent. Id-dokument A li

huwa anness mar-rikors promotur huwa kopja tal-ittra ufficjali mibgħuta mir-rikorrent lill-esponenti.

5. Illi, fi kwalunkwe kaz, anke tenut kont ta' dak appena premess, l-esponenti m'għandhomx ibatu spejjes gudizzjarji.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li Kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

Il-fatti huma sempliċi għall-aħħar. L-Attur jgħid li kien miexi fi Triq il-Kostituzzjoni l-Mosta, meta fil-ħabta u l-ħin kien imtajjar mill-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tal-pjanċa KYV 777. Dan l-inċident seħħ fil-21 ta' Novembru 2015.

B'konsegwenza ta' dan l-inċident l-Attur sofra danni permanenti u għalhekk fetaħ din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

Dwar responsabbilita' ma tantx hemm xi tgħid għaliex fil-fatt hija ammessa fir-risposta ġuramentata. Għalhekk din il-Kawża hija limitata għad-danni sofferti mill-Attur li qed ikunu kontestati mill-konvenuti.

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni

hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-subinċiż 2 tal-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

Speċifikatament, id-damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Fil-waqt li lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak legħmil seta' jġib.*"

Kif ingħad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-subinċiż 2 tal-imsemmi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

**Konsiderazzjonijiet**

Kif diġa' rilevat ir-reponsabbilita' hija ammessa għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex l-ewwel tistabilixxi d-damnum emergens, jiġifieri t-telf attwali b'konsegwenza diretta tal-inċident.

L-ewwel m'għandu jkun ikkunsidrat huwa kif l-inċident effettwa lill-Attur fil-paga. George Lanzon, li jiġi ħuh, jgħid li minn full time ġabu part time għaliex ma kienx baqa' jiflaħ għax-xogħol fit-tul tant li kien ikollu jsib sostitut għalih (a' fol 38). Salarju għandu xi €12,000 fis-sena u issa ġie b'ħamest elef fis-sena (a' fol 38). Dan ix-xhud jispjega li fejn qabel kellu salarju ta' €12,000 illum qed jitħallas ħamest elf ewro (€5,000). Għalhekk id-differenza bejn dak li kien jieħu u dak li qed jieħu llum hija ta' sebgħat elef ewro (€7,000). Dan huwa rifless fl-FS3's tal-Attur (a' fol 43 sa 46).

Wara li eżaminat l-atti, il-Qorti qed tammetti bħala spejjes f'dan ir-rigward l-ammont ta' elf mija u tletin ewro (€1,130) liema ammont huwa msemmi fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-Attur (ara a' fol 229 para 8. Il-Qorti qed tirratondixxi lejn l-eqreb ammont).

<u>*Lucrum cessans*</u>

L-awtur Taljan Torrente jsostni li *"la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*." (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant m'għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwitattiv ta' arbitrio boni viri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

Għal dak li jirrigwardja l-lucrum cessans, il-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fis-**Sentenza fl-ismijet Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** li dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qliegħ li l-Attur seta' bata diġà minn dak nhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ. Il-kliem "*inkapaċita għal dejjem*" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qliegħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv*" (Ara **P.A. PS 30.1.2008 fil-kawża fl-isimijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et**).

Hemm ukoll linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn hu possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqs li kieku ma kien ġralu xejn (ara **P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani**).

Huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "*telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali*" u "*telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem*". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għall-ħsara li jħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn *"past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*" (Ara **Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64**).

Din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħoloq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali. Din il-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-lucrum cessans jittieħed minn dakinhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dakinhar li titressaq il-kawża li fil-każ odjern huwa fil-21 ta' Novembru 2015 (**App. Ċiv. 30.11.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.500**). Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (**App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez, Vol: LXXXII.ii.242**).

Ħaġa oħra hi, li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwa sew minn dakinhar tal-korriment (Ara **P.A. JSP 31.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna (mhux appellata)**). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dakinhar tal-inċident kolpuż u ċioe; mid-data fuq imsemmija.

F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi

kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul.

Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn (**Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73**). Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal. Il-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża illum ormai klassika ta' **Butler -vs- Heard**. Jista' jkun li din il-Kawża ma stabbilitx l-aqwa kriterji possibbli, iżda sa issa provdiet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati bħal dik ċitata aktar 'l fuq. Fil-qosor dawn huma l-prinċipji:

Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejjaħ multiplier illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni u ċioe' ta' 65. F'dan il-każ meta seħħ l-inċident l-Attur kellu 47 sena (ara a' fol 41 tergo). Dan mhux prinċipju fiss fis-sens, li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' partikularment fid-dawl tal-avvanz tal-mediċina fil-kura tas-saħħa. Dan ifisser li l-kalkolu f'din il-kawża ser isir fuq medda ta' 18 -il sena.

Huwa wkoll stabbilit, li mill-ammont likwidat iridu jitnaqqsu 20% li jirrappreżentaw il-konsum mis-somma finali (lumposum payment) kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin. L-ermenawtika sentenzjali lokali stabbiliet li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm -il darba l-Kawża ddum u li dan id-

dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l-inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża. Il-Qorti għandha wkoll tikkonsidra jekk id-dewmien kienx ħtija tal-konvenut, allura ma jkunx hemm tnaqqis jew ħtija tal-Attur li allura għandu jkun hemm tnaqqis.

Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn ta' dewmien. L-ewwel sentejn ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjus perjodu raġjonevoli. F'dan il-każ il-Qorti ser tqies li t-tnaqqis bħala lump sum għandu jkun fl-ammont ta' 18% stante li l-kawża ma ilhiex pendenti.

Il-persentaġġ tad-danni permanenti huwa kruċjali għall-aħħar għaliex huwa dan li jiddetermina x'għandu jkun effettivament l-ammont ta' danni likwidati. F'kawżi ta' korrimenti, il-Qorti neċessarjament tiddependi fuq l-opinjoni esperta ta' tobba u professuri. Meta l-Qorti taħtar espert tagħha għandha kemm jista' jkun tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tiegħu b'dana ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiskarta l-opinjoni ta' tobba ex parte li jkunu eżaminaw lill-Attur, bħal ma ġara fil-każ odjern, sakemm ma jkunux aktar korretti minn dawk tal-espert tagħha. L-importanti li l-Qorti toqgħod fuq opinjoni esperta u teknika u mhux tassumi dan l-irwol f'materja tant teknika. Issa f'din il-Kawża skond rapport mediku ta' Mr. Frederick Zammit Maemple l-Attur qiegħed isofri diżabilita' ta' 5% fil-waqt dak tal-espert ex parte Dr. M Casha d-diżabilita permanenti hija 20% (a' fol 26 u 86). Waqt l-eskussjoni li saret lill-espert tal-Qorti dan qal li *"Huwa fatt li 'degenerative changes' iseħħu fuq mhedda ta' żmien. F'dan ic-CT Scan*

*huwa evidenti <u>li l-kundizzjoni degenerattiva imsemmija fir-rapport tiegħi kienet teżisiti (predates) qabel l-inċident</u>"* (a' fol 102 Emfażi tal-Qorti).

B'dan il-mod l-espert tal-Qorti jispjega għalfejn l-avarija pjuttost kbira bejn iż-żewġ rapporti. Mill-eskussjoni u xhieda pjuttost dettaljati tal-espert tagħha, il-Qorti tħoss li għandha tistrieħ fuq il-perċentwal li ġie stabbilit minnu u ċioe' ta' 5%.

Il-kalkolu dejjem isir fuq l-entrojtu tad-danneġġjant. Dan ħafna drabi jkun ibbażat fuq id-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dak li jkun jew bi prova diretta ta' min ikun qiegħed jagħmel il-ħlas. Għalhekk il-Qorti bħala kejl ta' entrojtu ser tieħu l-paga medja kif kienet meta seħħ l-inċident u ċioe' dik ta' tnax -il elf, tlett mija u tmienja u tmenin ewro gross (€12,388). Netti kien jirċievi dan l-ammont meno elf sebgħa mija erbgħa u erbgħin (€1744) arrottonditi għall-eqreb ewro għalhekk ifisser li l-entrojtu nett tiegħu kien ta' għaxart elef, sitt mija, erbgħa u erbgħin ewro (€10,644) għas-sena li fih seħħ l-inċident (a' fol 46).

Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll li ġia la darba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, jittieħed inkonsiderazzjoni li fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Indeximperfect instrument it may be, it is the best we have*".

(Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**).

Għalhekk id-danni huma s-segwenti:

€10,644 (Salarju tas-sena 2015) x 18 (multiplier annwali) = €191,592 ewro – €34,487 (lump sum payment) = €157,105 ewro. 5% (perċentwal ta' diżabilita') ta' dan l-ammont = €7,855 ewro.

Kif ingħad ma' dan l-ammont għandu jiżdied ammont ieħor li għandu jagħmel tajjeb għall-inflazzjoni tal-prezzijiet li din il-Qorti ser tiffissa fl-ammont ta' €1500 ewro. Għalhekk il-lucrum cessans huwa dak ta' disgħat elef tlett mija u ħamsa u ħamsin lejn l-eqreb ewro (€9,355). Flimkien ma' dan l-ammont għandu wkoll jingħadd l-ammont l-ieħor rappreżentanti damnum emergens li huwa ta' €1130 ewro. Dan ifisser li t-totali tad-danni sofferti huma dawk ta' **għaxart elef erbgħa mija u ħamsa u tmenin ewro (€10,485).**

Kwantu għall-ispejjes tal-Kawża dawn ser ikunu akkolati kwantu għall-terz (1/3) mill-Attur u kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti, stante li l-Attur naqas li jersaq li jiddiskuti mas-Soċjeta' konvenuta li kienet lesta tasal fuq ammont, meta kien mitlub li jagħmel hekk, kif jirriżulta mill-atti, bil-konsegwenza li setgħet tkun evitata din il-Kawża.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi u tiddikjara lill-konvenuta hija responsabbli għad-debilita' tal-Attur.

**Tilqa' it-tielet u r-raba' talbiet** Attriċi u dan billi tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' **għaxart elef erbgħa mija u ħamsa u tmenin ewro (€10,485)** u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma hekk likwidata lill-Attur bl-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Spejjes għandhom jinqasmu kwantu għall-terz (1/3) mill-Attur u kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti, stante li l-Attur naqas li jersaq li jiddiskuti mas-Soċjeta' konvenuta li kienet lesta tasal fuq ammont, meta kien mitlub li jagħmel hekk, kif jirriżulta mill-atti, bil-konsegwenza li setgħet tkun evitata din il-Kawża.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**